# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Rikors Revoka Nru: 244/2023**

**Wara l-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju 2255/2022 maħruġ fil-24 ta' Ottubru 2022 fl-ismijiet:**

**Kurt Attard (K.I. 480093M)**

**vs**

**AME Health and Safety Services Limited (C 44347)**

**Illum 18 ta' Diċembru 2023**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AME Health and Safety Services Limited, datat 6 ta' Ottubru 2023 fejn intalab it-tħassir tal-mandat relattiv u ċioe dak bin-numru 2255/2022.

Rat id-dokumenti anness mal-istess rikors.

Rat id-digriet tagħha datat 10 ta' Ottubru 2023.

Rat li s-sekwestrant ġie notifikat bl-atti ta’ dawn il-proċeduri iżda ma ħejja l-ebda nota ai termini tal-artikolu 836(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Dan il-fatt (u ċioé li s-sekwestrant kien ġie debitament notifikat) ġie a konjizzjoni tal-Qorti llum biss.

Rat l-atti kollha, inkluż dawk tal-mandat relattiv.

**Ikkunsidra**

Illi din hija deċiżjoni finali dwar ir-revoka tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju hawn fuq indikat.

Illi permezz ta’ sekwestru kawtelatorju datat 20 ta’ Ottubru 2022 u akkordat fl-24 ta’ Ottubru 2022, is-sekwestrant ottjena l-ħruġ tal-istess mandat fl-ammont ta’ ħamest elef, sitt mija u ħamsa u tletin Ewro (€5,635), u dan in kawtela ta’ allegati servizzi prestati.

Illi permezz ta’ ċedola ta’ depożitu datata 7 ta’ Novembru 2022, l-ammont sħiħ mitlub ġie depożitati minn HSBC Bank Malta p.l.c (C3177).

Illi għalkemm m’huwiex indikat fir-rikors promotur, din il-Qorti qiegħda tifhem li s-soċjetá sekwestrata qiegħda titlob ir-revoka tal-mandat abbażi tal-artikolu 836(1)(ċ) u (e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Illi wara li din il-Qorti rat li dak mitlub fil-mandat issa huwa debitament ikkawtelat[1], tqis lit-talba għandha tiġi milqugħa. Tajjeb jingħad li l-ispejjeż u l-imgħax relattivi, fil-mandat in kwistjoni, kienu ġew riżervati[2].

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tas-soċjetà sekwestrata u b'hekk tordna r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2255/2022 fl-ismijiet premessi safejn jolqot is-sekwestratarji kollha ħlief l-HSBC Bank Malta p.l.c (C3177) u tordna l-ħruġ, a spejjeż tas-soċjetà sekwestrata, tal-kontro-mandat relattiv.

**Digriet kamerali mogħti llum, nhar it-Tnejn, 18 ta' Diċembru 2023.**

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur

---

[1] Il-Qorti tagħmel referenza għad-digriet fl-ismijiet **Luigi Bonnacorsi vs Anthony Zarb *et*,** (Rik Nru: 1059/2022) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-17 ta' Novembru 2022.

[2] F'dan is-sens il-Qorti tagħmel referenza għal dak raġunat u deċiż fid-digriet fl-ismijiet **Mario Falzon *pro et noe* vs Michael Scerri *et*,** (Rik Revoka 1134/2018) mogħti mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-4 ta' Novembru 2019.